MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2014

Numru. 934/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Mohamad Ahmad**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet datati 29 ta' Settembru 2014 fil-konfront ta' Mohamad Ahmad ta' 21 sena iben Ahmad u Rima née Khleif, imwieled Homs (Syria) nhar 1/01/1993, u residenti Homs detentur tal-Passaport b' numru: 006564977 fejn ġie mixli talli fit-28 ta' Settembru 2014 u jew fil-ġranet ta' qabel f'Malta niżel l-art jew imbarka f'Malta mingħajr passaport u naqas li jagħti lil Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u dan bi ksur tal-Artikolu 28, Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tad-29 ta' Settembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 9 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali bħala Avukat tal-Għajnuna Legali tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

***GĦALDAQSTANT : -***

Wara li rat l-Artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib, lil **Mohamad Ahmad** fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, **ħati** tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija; u wara li rat l-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ta' priġunerija m'għandhiex

tibda sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien tlett snin millum u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ. Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu imnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

***Mogħtija illum 29 ta' Settembru 2014 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------